KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fid-19 ta' Jannar 2012[1]

**Kawża C-508/10**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/109/KE — Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil — Ammonti tad-drittijiet mitluba għall-kisba tal-istatus jew għall-għoti ta' permess ta' residenza fi Stat Membru ieħor — Natura eċċessiva jew inġusta — Ostakolu għall-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza"

1. Ir-rikors preżenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jinvolvi l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul[2].

2. Il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata li, meta eżiġa mingħand ċittadini ta' pajjiżi terzi u membri tal-familja tagħhom li jitolbu l-istatus ta' residenti għal żmien twil il-ħlas ta' drittijiet li hija tikkunsidra "għolja" u "inġusti", ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva.

3. Fl-ewwel lok, fil-konklużjonijiet preżenti jiena ser nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tgħid li r-rikors huwa ammissibbli peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ġie kkritikat li kiser, permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, l-għan tad-Direttiva, kif interpretat fid-dawl tal-premessi tagħha, kif ukoll l-effettività tagħha, u li l-ilment kien identifikat b'livell ta' preċiżjoni suffiċjenti fir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni.

4. Sussegwentement, jiena ser nispjega r-raġunijiet li għalihom jiena naħseb li l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw fil-konfront taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-ħruġ ta' dokumenti ta' residenza skont id-Direttiva drittijiet li huma eċċessivi fihom infushom jew sproporzjonati meta mqabbla ma' dawk li jitħallsu miċ-ċittadini nazzjonali u miċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, għall-kisba ta' dokumenti simili.

5. Finalment, jiena ser insostni li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi effettivament naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 258 TFUE meta eżiġa drittijiet eċċessivi u sproporzjonati mingħand ċittadini ta' pajjiżi terzi.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272, iktar 'il quddiem id-"Direttiva".

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

6. Id-Direttiva ġiet adottata abbażi tal-punti 3 u 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 KE bil-għan li jiġi ċċarat l-istatus ġuridiku ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ilhom jirrisjedu fl-Istati Membri għal żmien twil, u li, skont il-premessa 4 tad-Direttiva, l-integrazzjoni tagħhom hija kkunsidrata "element prinċipali fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, mira fundamentali tal-Komunità".

7. Id-Direttiva għandha żewġ għanijiet. Skont l-Artikolu 1 tagħha:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi:

"(a) it-termini għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' residenti għat-tul mogħti minn Stat membru f'relazzjoni ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li legalment jirrisjedu fit-territorju tiegħu, u d-drittijiet marbuta miegħu; u

(b) it-termini ta' residenza fi Stati Membri oħra minbarra dak li kien ikkonferixxa l-istatus għat-tul fuqhom għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu dak l-istatus."

8. Il-premessi 2, 3, 6, 9, 10 u 18 tad-Direttiva huma abbozzati kif ġej:

"(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, iddikjara li l-istatus legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkun approssimat għal dak ta' ċittadini ta' l-Istati Membri u li persuni li tkun irresjediet legalment fi Stat membru għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit u li jkollha permess ta' residenza għat-tul għandha tingħata f'dak l-Istat Membru sett ta' drittijiet uniformi li jkunu kemm jista' ikun viċin dawk li jgawdu iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

[…]

(6) Il-kriterju prinċipali għall-kisba ta' l-istatus ta' residenti għat-tul għandu ikun it-tul ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru. […]

(9) Il-konsiderazzjonijiet ekonomiċi ma għandhomx ikunu bażi għar-rifjut ta' l-għoti ta' status ta' residenti għal perjodu fit-tul u ma għandhomx ikunu kunsidrati bħala li jfixxklu l-kondizzjonijiet relevanti.

(10) Għandu jiġi preskritt sett ta' regoli li jirregolaw il-proċeduri għall-eżami ta' l-applikazzjoni għall-istatus ta' residenti ta' perjodu twil ta' żmien. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu effettivi u maniġġabbli, u jagħtu kont ta' l-ammont normali tax-xogħol ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri, kif ukoll ikunu trasparenti u ġusti, sabiex joffru ċ-ċertezza legali adattata lil dawk konċernati. Dawn ma għandhomx jikkostitwixxu mezz biex ifixklu l-eżerċizzju tad-dritt tar-residenza.

[…]

(18) L-istabbiliment ta' kondizzjonijiet li skont dawn id-dritt tar-residenza fi Stat Membru ieħor jista' jiġi akkwistat minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ikunu residenti għat-tul għandu jikkontribwixxi għal ksib effettiv tas-suq intern bħala żona li fiha il-moviment ħieles ta' persuni jiġi assigurat. Dan jista' ukoll jikkostitwixxi fattur prinċipali ta' mobilità, notevolment fis-suq ta' l-impiegi ta' l-Unjoni."

9. Il-Kapitolu II tad-Direttiva jirrigwarda l-istatus ta’ residenti għal żmien twil fi Stat Membru, filwaqt li l-Kapitolu III tagħha jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta’ residenza ta’ resident għal żmien twil jew tal-membri tal-familja tiegħu fi Stat Membru ieħor.

10. L-Artikoli 4 sa 6 tad-Direttiva jiddefinixxu l-kundizzjonijiet sostantivi għall-għoti tal-istatus ta’ residenti għal żmien twil kif ukoll il-każijiet li fihom dan l-istatus jista’ jiġi miċħud. B’mod partikolari, l-applikant jrid ikun irrisjeda legalment u kontinwament fit-territorju ta’ Stat Membru għal ħames snin li jiġu minnufih qabel is-sottomissjoni tat-talba tiegħu [3]. Barra minn hekk, dan irid jipprova li huwa għandu, għalih u għall-membri dipendenti tal-familja tiegħu, riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti u assigurazzjoni għall-mard [4]. Finalment, huwa jista’ jkun marbut jissodisfa l-kundizzjonijiet ta’ integrazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri skont id-dritt nazzjonali tagħhom [5]. Kemm-il darba l-applikant jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, l-istatus ta’ residenti għal żmien twil jista’ jinċaħadlu biss għal raġunijiet ta’ ordni pubblika jew ta’ sigurtà pubblika [6].

11. L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva jiċċaraw l-effetti tar-rikonoxximent ta’ dan l-istatus billi jipprovdu għall-prinċipju ta’ trattament ugwali maċ-ċittadini nazzjonali f’ċerti oqsma kif ukoll għal protezzjoni kontra t-tkeċċija.

12. L-Artikoli 14 sa 16 tad-Direttiva jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom ir-resident għal żmien twil u l-membri tal-familja tiegħu jistgħu jeżerċitaw dritt ta’ residenza għal iktar minn tliet xhur fi Stat Membru ieħor. Dan id-dritt huwa suġġett għas-sottomissjoni ta’ applikazzjoni ġdida għal permess ta’ residenza, li l-għoti tiegħu jista’ jiġi suġġett, mill-Istati Membri, għal ċerti kundizzjonijiet meħtieġa għall-aċċess inizjali għall-istatus ta’ resident għal żmien twil.

13. Id-Direttiva ma fiha l-ebda dispożizzjoni dwar id-drittijiet li jistgħu jintalbu mill-Istati Membri waqt is-sottomissjoni ta’ applikazzjoni.

## B – *Id-dritt nazzjonali*

14. L-Artikolu 24(2) tal-Liġi li tagħmel reviżjoni ġenerali tal-Liġi dwar il-Barranin (Wet tot algehele herziening van de Vreemdelingenwet), tat-23 ta’ Novembru 2000 [7], jipprovdi:

“Fil-każijiet deċiżi [mill-]Ministru u skont ir-regoli stabbiliti minnu, il-barrani huwa marbut għal ħlas ta’ drittijiet fiskali għall-ipproċessar tal-applikazzjoni. Għal dan il-għan, [il-]Ministru jista’, barra minn hekk, jipprovdi li l-barrani huwa marbut għal ħlas ta’ drittijiet fiskali marbuta mall-ħruġ ta’ dokument li jiċċertifika r-residenza regolari tiegħu. Fin-nuqqas ta’ ħlas, l-applikazzjoni ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni jew id-dokument ma għandux jinħareġ.”

15. L-Artikoli 3.34 sa 3.34i tar-Regolament dwar il-Barranin tal-2000 (Voorschrift Vreemdelingen 2000) [8] jistabbilixxu d-drittijiet fiskali li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni taċ-ċittadini Torok, għandhom iħallsu meta dawn jitolbu permess ta’ residenza, skont l-ammonti li ġejjin:

| **Tip ta’ applikazzjoni** | **Ammont f’euro** | **Artikolu tar-Regolament dwar il-Barranin tal-2000** |
|---|---|---|
| Status ta’ residenti għal żmien twil | 201 | Artikolu 3.34g(1) |

3 — Artikolu 4(1) tad-Direttiva.
4 — Artikolu 5(1) tad-Direttiva.
5 — Artikolu 5(2) tad-Direttiva.
6 — Artikolu 6(1) tad-Direttiva.
7 — Stb. 2000, Nru 495.
8 — Stcrt. 2001, Nru 10.

| | | |
|---|---|---|
| Permess ta' residenza, b'mod partikolari, għax-xogħol jew għall-istudju | 433 | Artikolu 3.34(2)(a) |
| Permess ta' residenza għal raġunijiet oħra | 331 | Artikolu 3.34(2) |
| Permess ta' residenza għall-membri tal-familja li jakkumpanjaw l-applikant | 188 | Artikolu 3.34(2)(c) |
| Permess ta' residenza għall-membri tal-familja li ma jakkumpanjawx l-applikant | 830 (l-ewwel membru tal-familja)<br>188 (membri tal-familja oħra) | Artikolu 3.34(2)(b) |

## II – Il-proċedura prekontenzjuża

16. Peress li kkunsidrat li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu, il-Kummissjoni bagħtitlu ittra ta' intimazzjoni fis-27 ta' Ġunju 2008, u sussegwentement opinjoni motivata fit-23 ta' Marzu 2009, li ġew risposti mill-awtoritajiet Olandiżi fil-25 ta' Awwissu 2008 u fil-25 ta' Mejju 2009 rispettivament, fejn ikkontestaw l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

17. Peress li kkunsidrat li dawn ir-risposti ma kinux sodisfaċenti, il-Kummissjoni ddeċidiet li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 258 TFUE.

## III – Ir-rikors

18. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li billi talab il-ħlas ta' drittijiet għolja u inġusti miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u mill-membri tal-familja tagħhom li jixtiequ l-istatus ta' resident għal żmien twil, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva u, għaldaqstant, l-obbligi imposti fuqu mill-Artikolu 258 TFUE, u

— tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż.

## IV – L-argumenti tal-partijiet

### A – *Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

19. Fir-risposta tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jqajjem l-inammissibbiltà tar-rikors għal żewġ raġunijiet.

20. L-ewwel nett, huwa jsostni li fir-rikors tagħha l-Kummissjoni ma tirreferi għall-ebda dispożizzjoni obbligatorja tad-Direttiva iżda tirreferi biss għal premessa, li ma għandha l-ebda valur legali obbligatorju, u kif ukoll għall-Artikolu 4(3) TFUE, iżda tirreferi għalih biss b'mod ġenerali mingħajr ma tispjega kif l-ilmenti tagħha huma bbażati fuq din id-dispożizzjoni.

21. It-tieni nett, huwa jsostni li l-Kummissjoni llimitat id-dispożittiv tar-rikors tagħha għad-drittijiet fiskali mitluba miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil previst mill-Kapitolu II tad-Direttiva b'tali mod li l-proċedura ma tistax tirrigwarda d-drittijiet mitluba mingħand residenti għal żmien twil li, minn Stat Membru, iressqu applikazzjoni għal residenza skont il-Kapitolu III ta' din id-direttiva.

22. Fil-kontroreplika tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkontesta l-possibbiltà li l-Kummissjoni tqajjem il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li rikors ma jistax jitqies inammissibbli biss minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ssostni li leġiżlazzjoni tmur kontra s-sistema, l-istruttura jew l-ispirtu ta' direttiva[9]. Fil-fehma tiegħu, meta tqajjem din il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni qiegħda tifformula għall-ewwel darba fir-replika lment ġdid, li ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

B – *Fuq il-fondatezza tar-rikors*

23. Mingħajr ma tikkontesta l-prinċipju li jitħallsu drittijiet għall-ħruġ tal-permess ta' residenza ta' resident għal żmien twil u l-marġni ta' manuvrar li l-Istati Membri jgawdu, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika fid-Direttiva, għad-determinazzjoni tal-ammonti tagħhom, il-Kummissjoni tikkunsidra, fid-dawl tal-premessa 10 ta' din id-direttiva, li dawn id-drittijiet jridu jkunu "ġusti" u li dawn ma għandhomx jipprekludu jew jiskoraġġixxu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imħabbra fiha milli jitolbu permess ta' residenza. Hija ssostni li l-ammont għoli tad-drittijiet fis-seħħ fil-Pajjiżi l-Baxxi, li jostakola t-tgawdija tad-drittijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jimmina l-effettività ta' din id-direttiva.

24. Filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-premessa 2 tad-Direttiva, il-Kummissjoni ssostni wkoll li d-drittijiet fiskali għandhom ikunu ta' ammont "komparabbli" għal dak tad-drittijiet imħallsa miċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu biex jiksbu dokumenti simili. Hija tikkunsidra li l-ammonti mitluba mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, li huma madwar 7 sa 27 darba ikbar minn dawk previsti għaċ-ċittadini tal-Unjoni, huma sproporzjonati u jistgħu jiskuraġġixxu lill-persuni kkonċernati milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

25. Filwaqt li tirrileva li l-għan tad-Direttiva huwa simili għal dak tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004[10], il-Kummissjoni ssostni li ċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38. Filwaqt li tirreferi għas-sentenza tad-29 ta' April 2010, il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi[11], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talli daħħal u żamm fis-seħħ sistema li kienet tipprovdi għal drittijiet sproporzjonati għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza għaċ-ċittadini Torok, hija tikkunsidra li, fil-każ preżenti, l-ammont tad-drittijiet għandu wkoll, *a fortiori*, jitqies sproporzjonat.

26. Fir-risposta tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostni li d-Direttiva 2004/38 ma hijiex rilevanti għad-definizzjoni tal-portata tal-kunċett ta' proċeduri "ġusti" msemmi fil-premessa 10 tad-Direttiva, għaliex l-ewwel waħda minn dawn id-direttivi hija iktar reċenti mit-tieni waħda u l-istatus ġuridiku taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa differenti minn dak taċ-ċittadini tal-Unjoni, li għandhom id-dritt fundamentali li jiċċaqilqu u li jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Barra minn hekk, filwaqt li l-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil[12] kien fiha dispożizzjoni dwar il-ġbir ta' drittijiet għall-ħruġ tal-permess ta' residenza, id-direttiva ma fiha l-ebda dispożizzjoni komparabbli. Skont ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel għalhekk li jċedi lill-Istati Membri s-setgħa li jiddeterminaw l-ammont tad-drittijiet fiskali, u minn dan il-fatt ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jiddeduċi li l-istħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju għandu jillimita ruħhu għall-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali hijiex manifestament mhux raġonevoli jew le.

9 — Ara s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-202/99, Ġabra p. I-9319).

10 — Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

11 — C-92/07, Ġabra p. I-3683.

12 — Proposta ppreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Marzu 2001 [KUM (2001) 127 finali, iktar 'il quddiem il-"proposta għal direttiva"].

27. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jżid li s-soluzzjoni żviluppata fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, favur ċittadini Torok li jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija lilhom, minn naħa, mill-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni[13], tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni[14], u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 59 tal-Protokoll Addizzjonali, iffirmat fit-23 ta' Novembru 1970 fi Brussell u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972[15], ma hijiex applikabbli għall-kawża preżenti, għaliex id-Direttiva ma fihiex la regola ta "standstill", li tipprekludi l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda, u lanqas dispożizzjonijiet li jimponu tqabbil bejn l-ammont tad-drittijiet fiskali mitluba mingħand iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dak tad-drittijiet fiskali mitluba mingħand iċ-ċittadini tal-Unjoni.

28. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidra, finalment, li l-Kummissjoni ma ppreżentatx b'mod korrett il-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet fiskali mitluba għall-kisba ta' dritt ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi mingħand iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil fi Stat Membru ieħor u li din ma wrietx kif l-ammont ta' EUR 201 mitlub għall-kisba tal-istatus ta' residenti għal żmien twil jostakola l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva. Filwaqt li jirrileva li l-applikazzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' residenti għal żmien twil żdiedu malajr bejn is-sena 2006 u s-sena 2009, huwa jirrileva li dan l-ammont, stabbilit skont il-politika ġenerali li tinvolvi l-imputazzjoni, lill-applikanti, tal-ispejjeż sostnuti mill-awtorità kompetenti għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bl-ebda mod ma jostakola l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva.

29. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li għalkemm, b'mod kuntrarju għal dak li hija kellha f'moħħha inizjalment fil-proposta għal direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ppreveda l-ebda limitazzjoni espliċita fir-rigward tad-drittijiet li setgħu jiġu imposti għall-ħlas, il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri jżommu f'dan il-qasam ma huwiex illimitat. Skont il-Kummissjoni, ir-regola marbuta mal-iffissar tad-drittijiet għaċ-ċittadini tal-Unjoni tista' titqies bħala indikatur raġonevoli ta' dak li jista' jintalab miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Madankollu, mill-ġbir tad-drittijiet fiskali li, f'din il-kawża, huma 7 sa 27 darba ikbar mill-ammonti dovuti miċ-ċittadini tal-Unjoni biex jiksbu dokumenti komparabbli, hija tara miżura li tista' twassal liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jirrinunzjaw għall-kisba tad-dokumenti amministrattivi li jkunu indispensabbli għall-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva.

30. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li, meħuda waħedha, in-natura sproporzjonata tad-drittijiet miġbura tiġġustifika l-kundanna ppronunzjata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, indipendentement mill-ksur tad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli biss għaċ-ċittadini Torok.

31. Fil-kontroreplika tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostni li għandu jiġi dedott mill-premessa 10 tad-Direttiva, li tipprovdi li r-regoli proċedurali ma jistgħux jintużaw bħala "mezz" biex ifixklu l-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza, li dawn ir-regoli jistgħu effettivament joħolqu xkiel, sakemm dawn ma jintużawx bħala strument intiż li jostakola l-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza.

32. Huwa jikkunsidra, b'mod definittiv, li s-sitwazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiksbu l-istatus ta' residenti għal żmien twil tista' titqabbel ma' dik taċ-ċittadini tal-Unjoni li jitolbu li jingħataw dritt ta' residenza permanenti fis-sens tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38, filwaqt li jenfasizza, minn naħa, li l-investigazzjonijiet li għandhom isiru huma kunsiderevolment iktar dettaljati għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u, min-naħa l-oħra, li d-dokument maħruġ liċ-ċittadini tal-Unjoni għandu sempliċement effett dikjarattiv, filwaqt li l-permess ta' residenza mogħti lil residenti għal żmien twil għandu effett kostituttiv.

13 — Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni twaqqaf mill-Ftehim li ħoloq assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, li ġie ffirmat fit-12 ta' Settembru 1963 f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa waħda, u mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra. Dan il-Ftehim ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10, iktar 'il quddiem il-"Kunsill ta' Assoċjazzjoni").

14 — ĠU L 293, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 1/80".

15 — ĠU L 293, p. 1.

33. Fin-nota ta' intervent tagħha, ir-Repubblika Ellenika tikkontesta r-rilevanza tal-kriterju ta' proporzjonalità propost mill-Kummissjoni u tqis li biex ikunu stabbiliti d-drittijiet dovuti għall-ħruġ ta' permess ta' residenza għar-residenti għal żmien twil, għandhom neċessarjament jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tas-servizzi amministrattivi pprovduti mhux biss għall-kontroll u għaċ-ċertifikazzjoni tad-dritt ta' residenza, iżda wkoll għall-integrazzjoni tal-persuni, bħat-taħriġ tal-immigranti fil-lingwa, l-istorja u l-kultura tal-pajjiż ospitanti.

34. Filwaqt li tistrieħ fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rimbors ta' spejjeż mediċi inkorsi fi Stat Membru ieħor[16], hija tikkunsidra li għandu jiġi vverifikat jekk id-drittijiet imposti jikkostitwixxux miżura neċessarja u raġonevoli biex jinżamm l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistema nazzjonali ta' amministrazzjoni tal-immigrazzjoni fl-intier tagħha.

## V – L-opinjoni tiegħi

### A – *Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

35. Skont il-ġurisprudenza, l-għan tal-proċedura prekontenzjuża f'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa li l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità doppja li, minn naħa, jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jkun jista' jiddefendi ruħu kontra l-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni[17].

36. Peress li r-regolarità ta' din il-proċedura tikkostitwixxi garanzija essenzjali mhux biss biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-Istat Membru inkwistjoni, iżda wkoll biex jiġi ggarantit li l-proċedura kontenzjuża li tista' tirriżulta jkollha, bħala s-suġġett tagħha, kontroversja definita b'mod ċar, huwa importanti li s-suġġett tal-ilment li fuqu l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tiddeċiedi jiġi ddeterminat b'mod preċiż.

37. Barra minn hekk, jirriżulta mill-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 38(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, li f'kull rikors ippreżentat abbażi tal-Artikolu 258 TFUE, il-Kummissjoni hija marbuta li tesponi fil-qosor l-ilmenti speċifiċi li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tiddeċiedi, kif ukoll il-punti ta' dritt u ta' fatt li fuqhom ikunu bbażati dawn l-ilmenti.

38. Madankollu, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Novembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta l-Kummissjoni ssostni li leġiżlazzjoni nazzjonali tmur kontra s-sistema, l-istruttura jew l-ispirtu ta' direttiva ta' armonizzazzjoni, mingħajr ma r-riżultanti ksur tad-dritt tal-Unjoni ma jkun jista' jintrabat ma' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-direttiva, ir-rikors tagħha ma jistax jitqies inammissibbli għal din ir-raġuni biss[18]. Jiena nikkunsidra li r-riferiment għal din il-ġurisprudenza mill-Kummissjoni fir-replika tagħha jikkostitwixxi biss argument ta' difiża li jagħti risposta għall-motiv ta' inammissibbiltà mqajjem mill-Pajjiżi l-Baxxi fir-risposta tiegħu u ma jista' bl-ebda mod jiġi kkunsidrat bħala lment ġdid li ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li bidlet is-suġġett tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu matul il-proċeduri.

39. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jista' jiġi kkostitwit mill-ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri stipulat fl-Artikolu 4(3) TUE[19].

16 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-512/08, Ġabra p. I-8833), u Elchinov (C-173/09, Ġabra p. I-8889).

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-456/03, Ġabra p. I-5335, punt 36).

18 — Punt 23.

19 — Ara s-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (240/86, Ġabra p. 1835, punti 27 u 28); tat-22 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (272/86, Ġabra p. 4875, punti 30 sa 32), u tat-18 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Franza (C-441/06, Ġabra p. I-8887, punti 45 sa 52).

40. Għaldaqstant, l-użu tal-Artikolu 258 TFUE jista' jkun ibbażat fuq il-ksur mhux biss ta' dispożizzjoni speċifika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda wkoll tal-obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni li jinkludi l-obbligu ta' aġir f'konformità mal-għan ta' din il-leġiżlazzjoni u ta' astensjoni minn kwalunkwe azzjoni li tista' tippreġudika l-effettività tagħha.

41. Fil-kawża preżenti, huwa paċifiku li l-Kummissjoni indikat b'mod ċar, fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha, fid-dispożittiv tal-opinjoni motivata u fit-talbiet misjuba fir-rikors promotur, li hija kkritikat lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talli ma osservax l-obbligi stabbiliti mid-Direttiva. Għall-kuntrarju ta' dak li jsostni dan l-Istat Membru, hija kkritikatu talli kiser mhux il-premessi tad-Direttiva, iżda dispożizzjoni li din identifikat fid-Direttiva nnifisha, hekk kif interpretata fid-dawl tal-premessi tagħha, billi ċaħħadha mill-effettività tagħha permezz tal-ostakolu għad-drittijiet minnha pprovduti favur iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. *Ab initio*, il-Kummissjoni kkritikat lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talli kiser l-istruttura ġenerali tad-Direttiva u kif ukoll l-ispirtu u l-għan tagħha. Il-fatt li r-rikors jirreferi inċidentalment għall-Artikolu 4(3) TUE ma għandux jirrendih inammissibbli.

42. Barra minn hekk, fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha, fl-opinjoni motivata u fir-rikors promotur, il-Kummissjoni kkunsidrat espressament mhux biss is-sitwazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-għoti tal-istatus ta' residenti għal żmien twil, iżda wkoll dik ta' residenti għal żmien twil fi Stat Membru ieħor li jitolbu, għalihom jew għall-membri tal-familja tagħhom, id-dritt li jirresjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi. Hija rreferiet mhux biss għad-dritt ta' EUR 201 mitlub mingħand dawn tal-ewwel, iżda wkoll għal dak ta' EUR 331, ta' EUR 433 u ta' EUR 830 mitluba mingħand dawn tal-aħħar kif ukoll mingħand il-membri tal-familji tagħhom.

43. Għalkemm huwa minnu li d-dispożittiv tar-rikors jirrigwarda biss id-drittijiet mitluba mingħand "ċittadini ta' pajjiżi terzi u mill-membri tal-familja tagħhom li jfittxu l-istatus ta' residenti għal żmien twil" mingħajr ma jirreferi għall-ħruġ ta' permess ta' residenza għaċ-ċittadin li diġà jibbenefika mill-istatus ta' resident għal żmien twil fi Stat Membru, ikun formaliżmu eżaġerat li din l-impreċiżjoni ta' abbozzar tiġi ssanzjonata bl-inammissibbilità parzjali tar-rikors, meta, minn naħa, "il-membri tal-familja", espressament imsemmija fid-dispożittiv, huma kkontemplati biss fil-Kapitolu III tad-Direttiva u, min-naħa l-oħra, it-talbiet tar-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni ppermettew lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi li jidentifika b'mod ċar l-obbligi li l-Kummissjoni kkritikatu li naqas minnhom u, għalhekk, li jippreżenta l-osservazzjonijiet ta' difiża tiegħu sabiex jiċħad l-ilmenti mqajma.

44. Għaldaqstant jiena nipproponi li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiġi miċħuda.

45. Issa sejjer ngħaddi biex neżamina l-fondatezza tar-rikors.

## B – *Fuq il-fondatezza tar-rikors*

46. L-eżami tal-fondatezza tar-rikors jeżiġi, l-ewwel nett, li jiġi ddeterminat jekk jeżistix obbligu fuq l-Istati Membri li jillimitaw l-ammont tad-drittijiet mitluba miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-ħruġ ta' dokumenti ta' residenza. Jekk tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' tali obbligu, jiena sejjer neżamina, it-tieni nett, jekk ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kisirx dan l-obbligu meta applika fil-konfront taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi d-drittijiet fiskali elenkati fit-tabella li tinsab fil-punt 15 tal-konklużjonijiet preżenti.

### 1. Fuq l-obbligu tal-Istati Membri li jillimitaw l-ammont tad-drittijiet mitluba mingħand ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-ħruġ ta' dokumenti ta' residenza

47. Il-proposta għal direttiva kienet tipprovdi li l-permessi ta' residenza kellhom jinħarġu b'xejn jew bi ħlas ta' ammont li ma jaqbiżx id-drittijiet u t-taxxi mitluba minn ċittadini nazzjonali għall-ħruġ ta' karti tal-identità [20].

20 — Artikoli 9(3) u 2(4) tal-proposta għal direttiva. Dan l-abbozz ittieħed kważi kelma b'kelma mill-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2004/38 li jipprovdi li kull dokument ta' residenza "għandhom jinħarġu b'xejn jew kontra piż li ma jaqbiżx dak impost fuq ċittadini għall-ħruġ ta' dokumenti simili".

48. Din il-kjarifika ma ġietx inkluża fid-Direttiva, li ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-possibbiltà tal-Istati Membri li jitolbu l-ħlas ta' drittijiet mingħand ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew mingħand il-membri tal-familja tagħhom [21]. Dan it-tħassir jirrifletti x-xewqa ta' ċerti Stati Membri li jillimitaw il-portata tat-trattament ugwali bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, residenti għal żmien twil, u ċ-ċittadini tal-Unjoni [22].

49. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika fid-Direttiva, huwa aċċettat li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni biex jissuġġettaw il-ħruġ ta' dokumenti ta' residenza għall-ġbir ta' drittijiet u sabiex jistabbilixxu l-ammont tagħhom. Għalhekk, id-Direttiva ma tipprojbixxix lill-Istati Membri la li joħorġu dawn id-dokumenti mingħajr ħlas, u lanqas, bil-maqlub, li jitolbu l-ħlas ta' drittijiet. Għad irid jiġi ddeterminat jekk din il-marġni ta' diskrezzjoni hijiex illimitata jew jekk hijiex, għall-kuntrarju, ċirkoskritta.

50. Peress li ċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, l-istatus legali li jirriżulta minnha ma jistax japplika għaċ-ċittadini ta' stati terzi. Għalhekk jiena naħseb li huwa paċifiku li s-sistema li tirriżulta mid-Direttiva 2004/38, li tipprovdi li ma jkunx hemm ħlas ta' drittijiet jew li dawn ikunu ugwali għal dawk mitluba minn ċittadini nazzjonali, ma tistax tapplika fil-konfront tagħhom [23].

51. Bl-istess mod, huwa ċar li ma huwiex possibbli li tiġi applikata għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kollha s-sistema applikabbli għaċ-ċittadini li l-pajjiżi tagħhom jkunu marbuta mal-Unjoni bi ftehim ta' assoċjazzjoni li jagħtihom status privileġġjat. B'mod partikolari, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkritika, abbażi ta' dispożizzjonijiet partikolari, id-differenza fit-trattament magħmula bejn ċittadini Torok u ċittadini tal-Unjoni fl-iffissar tat-tariffi għad-dokumenti ta' residenza ma jistax jiġi dedott prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali li minnu jista' jibbenefika kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun resident għal żmien twil. Fil-fatt, kien abbażi tar-regola speċifika ta' "standstill" prevista fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li tipprojbixxi l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg mill-ħaddiema u mill-membri tal-familji tagħhom, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Settembru 2009, Sahin [24], iddikjarat li ċ-ċittadini Torok ma setgħux ikunu suġġetti għal obbligi ġodda li jkunu sproporzjonati meta mqabbla ma' dawk previsti għaċ-ċittadini tal-Unjoni [25]. Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, hija wkoll ibbażata fuq l-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni ta' proporzjonalità, meħuda flimkien mar-regola ta' nondiskriminazzjoni li tinsab fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

52. Madankollu, jiena ma naħsibx li minn dawn id-differenzi ta' status għandu jiġi dedott li ma jista' jsir ebda xebh bejn id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni u li, filwaqt li tillimita l-ammont ta' drittijiet li jistgħu jintalbu mingħand dawn tal-aħħar meta dawn jitolbu l-ħruġ ta' dokument ta' residenza, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tħalli għas-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri l-kompitu li jiġi stabbilit l-ammont tad-drittijiet mitluba minn dawn tal-ewwel meta dawn jitolbu l-ħruġ ta' dokumenti simili.

53. Għall-kuntrarju, jiena nikkunsidra li żewġ tipi ta' restrizzjonijiet jiċċirkoskrivu l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri.

21 — Ninnota li l-Parlament Ewropew, fir-rapport tiegħu dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (A5-0436/2001), kien ippropona li l-Artikolu 9(3) jiġi abbozzat b'dan il-mod:
"Il-permess ta' residenza ta' residenti għat-tul – KE għandu jinħareġ kontra l-ħlas ta' ammont li ma jeċċedix l-ispejjeż amministrattivi. Dan il-ħlas ma għandux jeċċedi id-drittijiet u t-taxxi mitluba minn ċittadini nazzjonali għall-ħruġ ta' karti tal-identità. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-ħruġ ikun b'xejn."
Bl-istess mod, l-Artikolu 21(4) ġie emendat b'dan il-mod:
"Il-permess ta' residenza għandu jinħareġ kontra l-ħlas ta' ammont li ma jeċċedix la l-ispejjeż amministrattivi, u lanqas id-drittijiet u t-taxxi mitluba minn ċittadini nazzjonali għall-ħruġ ta' karti tal-identità. L-Istati Membri jistgħu joħrġu dan il-permess b'xejn."

22 — Fuq dan is-suġġett ara S. Peers, u N. Rogers, *EU Immigration and Asylum Law*, Leyde, p. 627.

23 — Ara, f'dan is-sens, il-punt 54 tal-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fl-14 ta' April 2011 fil-kawża Ziebell (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, C-371/08, Ġabra p. I-12735).

24 — C-242/06, Ġabra p. I-8465.

25 — Punt 71.

54. L-ewwel nett, il-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxuta lill-Istati Membri ma għandhiex tintuża minn dawn tal-aħħar b'mod li jiġi ppreġudikat l-għan tad-Direttiva u l-effettività tagħha.

55. Madankollu, id-Direttiva, li ġiet adottata abbażi tal-punti 3 u 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 KE, toħloq proċess ta' integrazzjoni gradwali, fl-Istat Membru ospitanti, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu stabbiliti hemmhekk b'mod regolari u għal żmien twil. Infakkar li l-premessa 4 tad-Direttiva tiddeskrivi l-integrazzjoni ta' dawn iċ-ċittadini bħala "element prinċipali fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, mira fudamentali tal-Komunità dikjarata fit-Trattat".

56. Għat-twettiq ta' dan il-għan, id-Direttiva tipproċedi biex tqarreb is-sitwazzjoni tar-resident għal żmien twil ma' dik taċ-ċittadin tal-Unjoni, billi tirrikonoxxi għal dan tal-ewwel ċerti drittijiet ekwivalenti għal dawk tat-tieni wieħed. Din is-sistema ta' xebh tirriżulta b'mod ċar mill-premessa 2 tad-Direttiva, li tirreferi għal-laqgħa speċjali ta' Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, li fiha l-Kunsill Ewropew iddikjara li l-istatus legali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkun approssimat għal dak taċ-ċittadini tal-Istati Membri u li persuna legalment residenti fi Stat Membru, għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi determinat, u li jkollha permess ta' residenza għal żmien twil għandha tingħata, f'dak l-Istat Membru, sett ta' drittijiet uniformi "li jkunu kemm jista' ikun viċin dawk li jgawdu iċ-ċittadini ta' l-Unjoni". Barra minn hekk, il-premessa 12 tad-Direttiva tipprovdi li "[s]abiex jikkostitwixxi strument ġenwin għall-integrazzjoni ta' residenti għal perjodu twil fis-soċjetà fejn ikunu jgħijxu, [dawn] għandhom igawdu ugwaljanza ta' trattament bħal taċ-ċittadini ta' l-Istat Membru f'firxa wiesa' ta' kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, taħt il-kondizzjonijiet relevanti definiti f'din id-Direttiva"[26].

57. Barra minn hekk, id-Direttiva tiffaċilita l-moviment liberu, fi ħdan l-Unjoni, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil. Minn din il-perspettiva, il-premessa 18 tad-Direttiva tipprovdi li "[l]-istabbiliment ta' kondizzjonijiet li skond dawn id-dritt tar-residenza fi Stat Membru ieħor jista' jiġi akkwistat minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ikunu residenti għat-tul għandu jikkontribwixxi għal ksib effettiv tas-suq intern bħala żona li fiha l-moviment ħieles ta' persuni jiġi assigurat. Dan jista' ukoll jikkostitwixxi fattur prinċipali ta' mobilità, notevolment fis-suq ta' l-impiegi ta' l-Unjoni".

58. Filwaqt li tirrifletti dan l-għan ta' xebh, id-Direttiva tipprovdi għal trattament ugwali bejn ir-residenti għal żmien twil u ċ-ċittadini nazzjonali f'diversi oqsma, li huma enumerati fl-Artikolu 11(1)(a) sa (h) tagħha, u tistabbilixxi protezzjoni kontra t-tkeċċija, skont il-proċeduri ddefiniti fl-Artikolu 12 tagħha. Fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu mill-istatus ta' residenti għal żmien twil fi Stat Membru, hija tirrikonoxxi d-dritt tagħhom li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom li jakkompanjawhom jew jingħaqdu magħhom.

59. Dawn id-drittijiet jingħataw taħt ċerti kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali pprovduti fid-Direttiva. L-Artikoli 4(1) u 5(1) tad-Direttiva, dwar il-kundizzjonijiet għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil, jipprovdu li dan l-istatus jingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun irrisjeda fl-Istat Membru ospitanti, legalment u kontinwament, għal ħames snin li jiġu qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni u li jkollu riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti kif ukoll assigurazzjoni tas-saħħa. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri li jeżiġu l-osservanza ta' "kondizzjonijiet [[27]] ta' integrazzjoni skond il-liġi nazzjonali". L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva jipprovdi li l-applikazzjoni għandha titressaq quddiem l-awtorità kompetenti flimkien ma' evidenza dokumentata "li għandha tiġi stabbilita bil-liġi nazzjonali", li tipprova li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet

26 — Hekk kif irrilevajt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36 tal-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fit-13 ta' Diċembru 2011 fil-kawża Kamberaj (C-571/10), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan ta' integrazzjoni huwa kkonstatat, b'mod simili, fil-premessi 2, 3 u 6 tad-Direttiva 2011/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2011, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE biex testendi l-ambitu tal-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali (ĠU L 132, p. 1).

27 — Enfasi tiegħi.

enumerati fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva jew li tiċċertifika li l-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni huma xierqa, kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' dokument tal-ivvjaġġar validu jew kopja ċċertifikata tiegħu. L-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-kisba, miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jgawdi mill-istatus ta' resident għal żmien twil fi Stat Membru, tad-dritt ta' residenza fi Stat Membru ieħor, billi jipprovdu, b'mod partikolari, li l-Istati Membri jistgħu jeżiġu lill-applikant li jipprovdi evidenza li huwa għandu riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti, kif ukoll assigurazzjoni għall-mard u li dan jissodisfa "*miżuri* [28] ta' integrazzjoni, skond il-liġi nazzjonali".

60. Din il-lista hija eżawrjenti. Il-premessa 17 tad-Direttiva, li tipprovdi li li "[l]-armonizzazzjoni tat-termini għall-kisba ta' status ta' residenti għat-tul jippromwovi kunfidenza komuni bejn l-Istati Membri [u li] [l]-possibbiltà ta' l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet nazzjonali aktar favorevoli ma hix eskluża fit-Trattat", teskludi, *a contrario*, kwalunkwe possibbiltà tal-Istati Membri biex jipprovdu regolamenti iktar restrittivi. Infakkar li l-premessa 10 tad-Direttiva tipprovdi, barra minn hekk, li l-proċeduri li jirregolaw l-eżami tal-applikazzjoni għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil "ma għandhomx jikkostitwixxu mezz biex ifixklu l-eżerċizzju tad-dritt tar-residenza". Meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jiksbu l-istatus ta' residenti għal żmien twil [29].

61. Peress li d-dritt għar-rikonoxximent tal-istatus hija r-regola ġenerali, meta tkun sodisfatta l-kundizzjoni marbuta mat-tul tar-residenza prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva, jiena nikkunsidra, barra minn hekk, b'analoġija mas-soluzzjoni applikata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun [30], fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja [31], li l-kundizzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jimponu għall-kisba tal-istatus ta' residenti għal żmien twil għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv [32].

62. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nikkunsidra li, sabiex ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, l-iffissar ta' tariffa tal-ispejjeż mitluba mingħand iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandux ikollu la l-għan u lanqas l-effett li jżid kundizzjoni addizzjonali għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil.

63. Minn dan jiena nikkonkludi li ma huwiex possibbli li, mal-applikazzjoni għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil, jintalbu drittijiet tant għolja li ċ-ċittadini li ma jkollhomx kapaċitajiet finanzjarji suffiċjenti ma jkunux jistgħu jħallsuhom. Rekwiżit bħal dan jikkostitwixxi mezz indirett biex jiġi limitat l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva jew biex dan jiġi rriżervat għaċ-ċittadini l-iktar sinjuri ta' pajjiżi terzi, filwaqt li d-Direttiva ma tipprovdi l-ebda kundizzjoni finanzjarja oħra ħlief dik ta' riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti biex jintlaħqu l-bżonnijiet tagħhom stess jew dawk tal-membri tal-familja tagħhom mingħajr ma jirrikorru għas-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

64. Għall-istess raġunijiet, naħseb li d-dritt ta' residenza fit-tieni Stat Membru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu mill-istatus ta' residenti għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru ma jistax jiġi limitat bi drittijiet eċċessivi.

65. L-istess japplika għad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja. L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva jipprovdi li meta resident għal żmien twil jeżerċita d-dritt ta' residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor għal perijodu li jeċċedi tliet xhur, il-membri tal-familja tiegħu li kienu jirrisjedu miegħu fl-ewwel Stat Membru ospitanti jistgħu jakkumpanjawh jew jingħaqdu miegħu. L-Artikolu 16(5) ta' din id-direttiva jippreċiża li, jekk il-familja ma tkunx diġà kkostitwita fl-ewwel Stat Membru, għandha tapplika d-Direttiva 2003/86. Qabel

28 — *Idem*

29 — Ara, f'dan is-sens, K. Groenendijk, "The Long-Term Residents Directive, Denizenship and Integration", *Whose Freedom, Security and Justice?*, Hart Publishing, 2007, p. 429, speċjalment p. 440.

30 — C-578/08, Ġabra p. I-1839.

31 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224.

32 — Sentenza Chakroun, iċċitata iktar 'il fuq (punt 43).

il-ħruġ tal-permess ta' residenza l-ġdid, l-awtoritajiet tat-tieni Stat Membru għandhom id-dritt li jivverifikaw li l-membru tal-familja għandu permess ta' residenza għal żmien twil jew dokument ta' vjaġġ validu, li huwa għex bħala membru tal-familja ta' resident għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru u li huwa għandu riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti kif ukoll assigurazzjoni għall-mard. Kemm-il darba l-kundizzjonijiet tassattivament elenkati fid-Direttiva jkunu osservati, it-tieni Stat Membru jista' jirrifjuta r-residenza biss għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Fil-fehma tiegħi, minn dan jirriżulta li d-dritt għall-membri tal-familja tar-resident għal żmien twil li jakkumpanjaw lil dan tal-aħħar jew li jingħaqdu miegħu ma jistax ikun suġġett għal kundizzjoni addizzjonali marbuta mal-ħlas ta' drittijiet eċċessivi, mingħajr ma jiġi miksur id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja.

66. Barra minn hekk, nemmen li l-għan imfittex mid-Direttiva li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' residenti għal żmien twil permezz tal-assimilazzjoni tagħhom, għalkemm parzjali, maċ-ċittadini tal-Unjoni, għandha twassal sabiex dawn tal-ewwel jiġu ttrattati taħt kundizzjonijiet komparabbli għal dawk applikati għal dawn tal-aħħar meta, skont din id-direttiva, huma jitolbu, taħt kundizzjonijiet simili, il-ħruġ ta' dokumenti simili. Anki fin-nuqqas ta' dispożizzjoni dwar il-ġbir ta' drittijiet, jidhirli li dan l-għan għandu l-effett li jagħmel illegali differenza fit-trattament li ma tkun iġġustifikata b'ebda raġuni oġġettiva.

67. Barra minn hekk, naħseb li l-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxut lill-Istati Membri huwa ċirkoskritt minn sett ta' restrizzjonijiet oħra, marbut mar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

68. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-protezzjoni tal-prinċipji ġenerali rrikonoxxuti fis-sistema legali tal-Unjoni, li fosthom huma inklużi d-drittijiet fundamentali, jorbtu wkoll lill-Istati Membri meta dawn jimplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li, għaldaqstant, dawn tal-aħħar huma marbuta, sa fejn ikun possibbli, li japplikaw din il-leġiżlazzjoni taħt kundizzjonijiet li ma jiksrux dawn ir-rekwiżiti [33]. Barra minn hekk, il-premessa 3 tad-Direttiva tippreċiża li din tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minn dan isegwi li d-dispożizzjonijiet li jimplementaw id-Direttiva għandhom jiġu evalwati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

69. Imfakkar fil-premessa 5 tad-Direttiva, li tipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jagħtu effett għad-disposizzjonijiet [tagħha] mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etniku jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, fortuna, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali", il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jidher li jipprekludi l-iffissar ta' drittijiet li l-ammonti tagħhom ikunu dissważivi għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkollhomx kapaċitajiet finanzjarji adegwati.

70. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nikkunsidra li l-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom sabiex jistabbilixxu l-ammont tad-drittijiet li jistgħu jintalbu mingħand iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa neċessarjament limitat mill-obbligu li ma jiġux imposti drittijiet li jkunu, minnhom infushom, eċċessivi jew sproporzjonati meta mqabbla mad-drittijiet mitluba mingħand iċ-ċittadini tal-Unjoni għall-ħruġ ta' dokumenti simili.

71. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Repubblika Ellenika jressqu żewġ settijiet ta' oġġezzjonijiet kontra din il-konklużjoni. Huma jsostnu, minn naħa, li l-ħruġ ta' dokument ta' residenza għandu, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, effett kostituttiv, li jinvolvi setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li dan għandu biss effett dikjaratorju għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Huma jsostnu, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jgħaddu lill-applikanti l-ispejjeż marbuta mal-ħruġ ta' permess ta' residenza. Fil-fehma tiegħi, dawn iż-żewġ oġġezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin.

33 — Sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Möllendorf u Möllendorf-Niehuus (C-117/06, Ġabra p. I-8361, punt 78).

72. L-ewwel oġġezzjoni tistrieħ fuq distinzjoni teoretika li naħseb li tista' tiġi kkontestata kemm bħala prinċipju kif ukoll fir-rigward tal-effetti marbuta magħha.

73. L-ewwel nett, nemmen li, bħala prinċipju, id-distinzjoni bejn l-effett sempliċement kostituttiv tal-ħruġ ta' permess ta' residenza lill-"ġeneralità tal-barranin"[34] u l-effett dikjaratorju tal-ħruġ ta' dokument simili lil ċittadin tal-Unjoni ma hijiex verament konformi mal-iżviluppi fid-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament iddikjarat, fis-sentenza tagħha Sagulo *et,* iċċitata iktar 'il fuq, minn naħa, li l-ħruġ ta' permess ta' residenza lil ċittadin tal-Unjoni, li għandu dritt ta' moviment u ta' residenza fl-Istati Membri mogħti direttament mid-dritt tal-Unjoni, għandu biss effet dikjaratorju u, minn naħa l-oħra, li dokument ta' din ix-xorta ma jistax jiġi mqabbel ma' awtorizzazzjoni ta' residenza li timplika setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali, bħal dik kif prevista għall-ġeneralità tal-barranin[35]. Madankollu, jiena naħseb li għalkemm l-ewwel proposta tibqa' korretta, it-tieni waħda ma għadhiex kompletament konformi mal-istat attwali tad-dritt.

74. Fil-fatt, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li diversi dispożizzjonijiet taw direttament lil ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi dritt ta' residenza, indipendentement mill-ħruġ tal-permess korrispondenti mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti. Filwaqt li straħet fuq dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat b'analoġija s-soluzzjoni li hija applikat għaċ-ċittadini tal-Unjoni. B'hekk hija ddeċidiet, permezz ta' sett wieħed ta' sentenzi, li, skont id-Deċiżjoni Nru 1/80, il-permess ta' residenza maħruġ liċ-ċittadini Torok għandu biss valur dikjaratorju u probatorju[36]. Permezz ta' sett ieħor ta' sentenzi, hija estendiet l-effett sempliċement dikjaratorju tal-permess ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni. Mid-dikjarazzjoni li "d-dritt ta' dħul fit-territorju ta' Stat Membru mogħti lil ċittadin ta' pajjiż terz miżżewweġ ma' ċittadin ta' Stat Membru jirriżulta biss mir-rabta familjali", il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, ikkonkludiet li l-ħruġ ta' permess ta' residenza għandu jitqies mhux bħala att kostituttiv ta' drittijiet, iżda bħala att intiż li jikkonstata s-sitwazzjoni individwali ta' ċittadin ta' pajjiż terz fid-dawl tal-dritt Komunitarju[37].

75. Fid-dawl tad-drittijiet li issa jingħataw mid-Direttiva liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kollha, huwa aċċettabbli, fuq kollox, li wieħed jistaqsi jekk il-ħruġ ta' permess ta' residenza lil dawn iċ-ċittadini għadux jipproduċi effett kostituttiv, fis-sens li dan joħloq drittijiet, jew jekk issa dan għandux biss natura dikjaratorja, fis-sens li jillimita ruħu għar-rikonoxximent ta' sitwazzjoni diġà eżistenti. Għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 9(6) tad-Direttiva jipprovdi li l-iskadenza tal-permess ta' residenza ta' resident għal żmien twil bl-ebda mod ma tagħti lok għall-irtirar jew għat-telf tal-istatus ta' residenti għal żmien twil u li l-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva jipprovdi li meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 5 tagħha jiġu sodisfatti u jekk il-persuna ma tkunx tirrappreżenta theddida fis-sens tal-Artikolu 6 tagħha, l-Istat Membru għandu "jagħti" l-istatus ta' resident għal żmien twil liċ-ċittadin kkonċernat. Mingħajr ma ninjora l-marġni ta' diskrezzjoni mħollija lill-Istati Membri kemm għad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-kisba tal-istatus kif ukoll għad-determinazzjoni tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u d-definizzjoni tar-raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika li jiġġustifikaw ir-rifjut tal-istatus, jiena nikkunsidra li l-użu tal-preżent indikattiv f'dan l-Artikolu 6, li, skont it-teknika ta' abbozzar li normalment tintuża mill-leġiżlatur tal-Unjoni għandu valur mandatorju, jimplika l-eżistenza ta' obbligu, bl-esklużjoni ta' libertà ta' evalwazzjoni, li jingħata l-istatus ladarba jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet, b'tali mod li naħseb li ma jkunx possibbli li titqies diskrezzjonali s-setgħa rrikonoxxuta lill-awtoritajiet nazzjonali għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza skont id-Direttiva[38].

34 — L-espressjoni ittieħdet mis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1977, Sagulo *et* (8/77, Ġabra p. 1495, punt 8).

35 — *Idem*

36 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2000, Ergat (C-329/97, Ġabra p. I-1487, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-157/03, Ġabra p. I-2911, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 — Ara, f'dan is-sens, M. Illamola Dausà, "Égalité et intégration", *La politique européenne d'immigration et d'asile: bilan critique cinq ans après le traité d'Amsterdam*, Bruylant, Brusell, 2005, p. 175. Dan l-awtur jikkwalifika l-kompetenza tal-Istati Membri bħala "kompetenza vinkolata" (p. 187).

76. Madankollu, anki jekk wieħed jissoponi li l-ħruġ ta’ permess ta’ residenza ta’ resident għal żmien twil għandu effett kostituttiv, jiena ma naħsibx li hija stabbilita l-eżistenza ta’ rabta ta’ proporzjonalità, jew anki, sempliċement, kwalunkwe korrelazzjoni, bejn l-importanza tal-effetti legali ta’ att u l-ispejjeż tiegħu. Fi kliem ieħor, ma ntweriex li, fir-rigward ta’ att, iktar ma dan jipproduċi effetti legali, iktar dan ikun għoli għall-awtorità li toħorġu.

77. It-tieni oġġezzjoni bbażata fuq il-fatt li l-ħruġ ta’ dokument ta’ residenza lil resident għal żmien twil jew lil membru tal-familja tiegħu għandu jirrifletti l-ispejjeż li l-applikazzjonijiet fil-fatt joħolqu għall-Istati Membri lanqas ma tikkonvinċini.

78. Għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li għalkemm id-Direttiva ma tirrepetix id-dispożizzjoni li kienet tinsab fil-proposta għal direttiva, li ma għandux ikun hemm drittijiet jew li dawn ma għandhomx jaqbżu ċertu ammont, id-Direttiva lanqas ma tinkludi l-emendi tal-Parlament li kienu jipprovdu li d-drittijiet għandhom ikunu proporzjonali għall-ispejjeż amministrattivi. Għalhekk, jiena ma narax fuq liema bażi ġuridika dan ir-raġunament jista’ jistrieħ, li ma jidhirlix li jista’ jiġi dedott minn prinċipju ġenerali. F’dan ir-rigward, jiena m’iniex sejjer naħbi l-istat ta’ perplessità tiegħi fir-rigward tar-rabta, magħmula mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, bejn is-sitwazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jitolbu l-ħruġ ta’ dokument ta’ residenza u dik tal-baqar u tal-qżieqeż li jkollhom bżonn ċertifikazzjoni sabiex jinqatlu, anki jekk tali rabta ġiet limitata għall-kwistjoni tal-attribuzzjoni tal-ispejjeż amministrattivi.

79. Jiena nikkunsidra, it-tieni nett, li l-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma jurix li l-investigazzjonijiet imwettqa minnu huma ferm iktar importanti milli fil-każ ta’ ċittadin tal-Unjoni. Dan jibbaża l-argument tiegħu fuq it-tqabbil mas-sitwazzjoni taċ-ċittadin tal-Unjoni li jitlob il-benefiċċju tad-dritt ta’ residenza permanenti previst fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38 u jirrileva li, meta l-applikazzjoni tiġi ppreżentata minn ċittadin ta’ pajjiż terz, għandhom isiru l-investigazzjonijiet segwenti, jiġifieri l-ħlas tad-drittijiet, il-mili komplet tal-formola, il-prova li l-applikant irrisjeda kontinwament għal ħames snin fit-territorju tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u li għad għandu hemmhekk ir-residenza prinċipali tiegħu, il-verifika li d-dritt ta’ residenza ma kienx provviżorju jew formalment limitat, il-prova li huwa għandu mezzi ta’ manteniment permanenti, awtonomi u suffiċjenti, u li huwa msieħeb ma’ assigurazzjoni għall-mard u li għandu kondotta nadifa. Kontra dan l-argument tista’ ssir l-oġġezzjoni li diversi verifiki li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jiddikjara li jagħmel huma identiċi għal dawk li huwa jista’ jagħmel, skont id-Direttiva 2004/38, meta joħroġ ċertifikat ta’ reġistrazzjoni liċ-ċittadin tal-Unjoni li jkun biħsiebu jgawdi mid-dritt ta’ residenza ta’ iktar minn tliet xhur jew meta joħroġ dokument ta’ residenza lill-membri tal-familja tiegħu [39]. Minn dan jiena nikkonkludi li ma jeżistux raġunijiet oġġettivi li jistgħu jiġġustifikaw differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li d-drittijiet tagħhom ikunu ġejjin mid-Direttiva.

80. Barra minn hekk, għalkemm ir-Repubblika Ellenika ssostni li d-drittijiet miġbura għall-ħruġ ta’ permess ta’ residenza għandhom ikopru l-ispejjeż tas-servizzi amministrattivi mogħtija mhux biss għall-kontroll u għal-verifika tad-dritt ta’ residenza, iżda wkoll għall-integrazzjoni tal-persuni, għandu jiġi nnotat li r-Renju tal-Pajjiżi Baxxi, fl-osservazzjonijiet tiegħu, ma sostniex li l-ispejjeż imposti fuq iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jkopru l-ispejjeż tal-miżuri ta’ integrazzjoni. Barra minn hekk, għalkemm id-Direttiva tipprovdi l-possibbiltà għall-Istati Membri li dawn jeżiġu li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi “jikkonformaw ma’ *kondizzjonijiet* [[40]] ta’ integrazzjoni, skond il-liġi nazzjonali” u għalkemm ġie sostnut li din id-dispożizzjoni setgħet tawtorizza lil dawn l-Istati Membri li jeżiġu mingħand ċittadini ta’ pajjiżi terzi li dawn iħallsu, parzjalment jew totalment, l-ispejjeż tal-miżuri ta’ integrazzjoni [41], jiena jidhirli li l-marġni ta’ diskrezzjoni hekk imħollija lill-imsemmija Stati Membri ma tistax tiġġustifika li l-għan u l-effettività tad-Direttiva jiġu ppreġudikat permezz tal-iffissar ta’ drittijiet eċċessivi jew sproporzjonati.

39 — Ninnota, b’mod partikolari, li d-dritt ta’ residenza ta’ iktar minn tliet xhur taċ-ċittadin tal-Unjoni li ma huwiex ħaddiem u lanqas student huwa suġġett għal żewġ kundizzjonijiet kważi identiċi għal dawk meħtieġa għall-ksib tal-istatus ta’ resident għal żmien twil, għaliex, skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38, il-barrani jrid juri li għandu assigurazzjoni komprensiva għall-mard fl-Istat Membru ospitanti u riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu sabiex ma jsirx piż fuq is-sistema ta’ għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti.

40 — Enfasi tiegħi.

41 — Għall-oriġini ta’ dan l-abbozz, ara K. Groenendijk, “Legal concepts of integration in EU Migration Law”, *European Journal of Migration and Law*, Nru 2, Vol. 6, 2007, p. 111.

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jiena naħseb li l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-ħruġ ta' dokumenti ta' residenza skont id-Direttiva drittijiet li jkunu eċċessivi fihom infushom jew sproporzjonati meta mqabbla ma' dawk li jridu jitħallsu miċ-ċittadini nazzjonali u miċ-ċittadini tal-Unjoni, li jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom, għall-kisba ta' dokumenti simili.

82. Għad irid jiġi deċiż jekk ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqasx minn dan l-obbligu.

2. Fuq in-natura eċċessiva jew sproporzjonata tad-drittijiet mitluba mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

83. Peress li jiena nikkunsidra li, għar-raġunijiet imsemmija preċedentement, id-Direttiva timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li ma japplikawx drittijiet sproporzjonati meta mqabbla ma' dawk mitluba mingħand ċittadini ta' Stati Membri għall-ħruġ ta' dokumenti simili, ikun utli li nirreferi għall-evalwazzjoni tar-rabta ta' proporzjonalità magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq.

84. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala sproporzjonati drittijiet li kienu jvarjaw fi ħdan skala li l-inqas ammont tagħha kien ikbar b'iktar minn żewġ terzi minn dak tad-drittijiet applikati għaċ-ċittadini tal-Unjoni għall-ħruġ ta' dokumenti simili.

85. *A fortiori*, jidhirli li d-drittijiet mitluba minn ċittadini ta' pajjiżi terzi u mill-membri tal-familja tagħhom, li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma jikkontestax li huma 7 sa 27 darba ogħla mill-ammonti previsti għaċ-ċittadini tal-Unjoni, għandhom jitqiesu eċċessivi u sproporzjonati.

86. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, l-ilment għandu jiġi ddikjarat fondat.

## VI – Konklużjoni

87. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi kif ġej:

"1) Meta jimponi fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-kisba tal-istatus ta' residenti għal żmien twil fil-Pajjiżi l-Baxxi u fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, bħala residenti għal żmien twil fi Stat Membru ieħor, jitolbu li jeżeċitaw id-dritt ta' residenza tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll fuq il-membri tal-familja tagħhom li jitolbu li jiġu awtorizzati jakkompanjawhom jew jingħaqdu magħhom, drittijiet eċċessivi u sproporzjonati meta mqabbla ma' dawk mitluba miċ-ċittadini ta' Stati Membri għall-ħruġ ta' dokumenti simili, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil.

2) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat għall-ispejjeż."